MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 41/2005

Antonia armla ta' Lawrence Spiteri u
Carmela mart Charles Debrincat .

vs

L-avukat Dottor Chris Said
li b'degriet tat-18 ta' Mejju, 2005
fl-atti ta' l-ittra uffiċċjali numru 168/2005
tal-15 ta' Marzu, 2005 ġie nominat
Kuratur Deputat sabiex jippreżentaw
lill-assenti Rose mart Filippo Enea, Frank,
Joseph, Anthony, Margaret mart David
Cybultski, ilkoll ulied il-mejjet
Salvatore Farrugia u ta'
Margaret mart Francesco Said,
Dolores mart Salvu Apap,
Joseph Vella u Carmel Vella .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi b'testment fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tal-25 ta' Novembru 1942, ċerta Giuseppa Teuma, xebba, bint il-mejjet Michele u Marija nee' Curmi mwielda u toqghod Sannat, Għawdex, lil Francesco Vella, bin il-mejjet Giuseppe u Margherita nee' Bajada u martu Giuseppa, il-biċċa art imsejjħa 'il-naoxa' fi triq Dun Xand Aquilina qabel Triq il-Knisja, kantuniera ma' Triq Santa Marija, Sannat, Għawdex tal-kejl ta' ċirca żewġ sigħan, konfinanti punent ma' proprjeta' tat-testatriċi, lvant ma' beni ta' Pawlu Attard, tramuntana ma' beni ta' Felice Camilleri u nofsinhar mal-imsemmija triq .

Illi l-imsemmija Giuseppa Theuma mietet fis-27 ta' Ġunju 1952 u l-konjuġi Vella daħlu fil-pussess tal-imsemmi legat .

Illi b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tas-6 ta' Marzu 1970, l-imsemmi Francesco Vella ħalla b'titolu ta' legat barra minn sehemha lil Carmela Vella, illum Debrincat, l-attriċi, nofs indiviż mid-drittijiet kollha lilu testatur spettanti mil-lok ta' djar ta' abitazzjoni tiegħu fin-numru tlieta u għoxrin u erbgħa u għoxrin fi Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Għawdex bil-ġardina annessa mill-Lvant li fiha xi siegħ jew iżjed. It-testatur kompla jiddikjara li dan il-legat qed iħallih bi tpattija tas-servizzi w assistenzi pprestati mill-legatarja li t-testatur sa dak inhar u ta' dawk li għad tagħmillu 'l quddiem .

Illi l-istess testatur kompla jispjega f'dak it-testment li dak il-lok ta' djar kien ġie mħolli kwantu għall-art lill-mejta mart it-testatur Giuseppa Vella, b'testment li sar għand in-Nutar Francesco Refalo fil-25 ta' Novembru 1942 minn Giuseppa Teuma u għad li hu mħolli lill-koakkwisti tat-testatur mal-imsemmija Giuseppa Teuma, u kienu jippreżentawlha servizzi . Il-bini kien waqa' bil-gwerra u rega' ittellgha matul iż-żwieġ tat-testatur u l-imsemmija martu Giuseppa nee' Spiteri .

Illi sussegwentement b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tat-30 ta' Ottubru 1990, l-imsemmi Francesco Vella ħalla b'titolu ta' legat barra minn sehemha a favur ta' bintu l-attriċi Antonia armla ta' Lawrence Spiteri n-nofs ( ½ ) indiviż mid-drittijiet kollha lilu testator spettanti mil-lok ta' djar ta' abitazzjoni tiegħu numru 23 u 24 fi Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Għawdex, bil-ġardina miegħu annessa minn naħa ta' lvant tal-kejl ta' ċirka sigħan (2s) dan il-legat tħalla bi tpattija tas-servizzi w assistenzi pprestati mil-legatarja lit-testatur sa issa u ta' dawk li għad tagħmillu aktar 'l quddiem .

Illi l-imsemmi Francesco Vella miet fit-12 ta' Ottubru 1991m, u ħalla jissoppravivah lill-kontendenti . Id-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu ġie debitament reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ġġib in-numru G 26/92 u t-taxxa relattiva mħallsa . L-imsemmi fond ġie wkoll debitament iddikjarat .

Illi l-esponenti xtaqu jidħlu fil-pussess tal-legat lilhom imħolli u għalkemm debitament interpellaw lill-konvenuti, dawn baqgħu inadempjenti .

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tordna d-divizjoni u s-segregazzjoni tal-legai mħollija mill-imsemmi Francesco Vella favur l-atturi permezz taż-żewġ testmenti, wieħed in atti Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tas-6 ta' marzu 1970 u l-ieħor in atti Nutar Dottor Paul G. Pisani tat-30 ta' Ottubru 1990, u dana okkorrendi bl-opera ta' arkitett u inġinier ċivili li jiġi għal dan il-fini nominat .

2. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-imsemmi legat u dana billi jiġi nominat nutar pubbliku sabiex jirċievi l-att ta' immissjoni fil-pussess fil-ġurnata, ħin u lol li jiġu stabbiliti kif ukoll minn nomina ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-att pubbliku relattiv .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali li tat lok għal dawn il-proċeduri kontra l-konvenuti li jibqgħu nġunti għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Carmela Debrincat .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi :

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li raw lok għal dina l-kawża u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi miġjuba .

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine maħlufa minnu .

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2005 fejn ġie nominat l-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku .

Rat ir-rapport ta' l-espert minnha nominat ppreżentat fil-5 ta' Mejju 2006 u minnu maħluf fl-20 ta' Ottubru 2006 .

Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' Mejju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-immissjoni tagħhom fil-pussess tal-legati imħollija lilhom minn missierhom bis-saħħa ta' żewġ testmenti, u ċioe' lill-attriċi Carmela Debrincat (dakinhar Vella) permezz ta' dak in atti Nutar Giuseppe Cauchi tas-6 ta' Marzu 1970,[1] u lill-attriċi l-oħra Antonia Spiteri permezz ta' testment ieħor tiegħu in

[1] Dok.A a fol. 6 - 7 tal-process .

atti Nutar Paul Pisani tat-30 ta' Ottubru 1990[2] . Il-legat imħolli lil kull waħda mill-atturi kien jikkonsisti f' "*nofs indiviż mid-drittijiet kollha lilu testatur spettanti mil-lok ta' djar tal-abitazzjoni tiegħu fin-numru tlieta u għoxrin u erbgħa u għoxrin (24), fi Triq Dun Xand Aquilina, Sannat, Għawdex, bil-ġiardina miegħu annessa min-naħa tal-lvant tal-kejl ta' ċirka siegħan (2s) pari għal ċirka tlett mija u erbgħa u sebgħin metri kwadri (374m.k.) jew iżjed.*" [3]

Fl-istess testmenti Francesco Vella, missier l-atturi, jiddikjara illi, "*dan il-lok kien ġie mħolli kwantu għall-art lill-mejta mart it-testatur Giuseppa Vella b'testment li sar għand in-Nutar Francesco Refalo fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tal-elf disa' mija u tnejn u erbgħin (1942) minn Giuseppa Teuma, u għad li hu mħolli lil mart it-testatur, biss verament jispetta lill-komunjoni tal-akkwisti tat-testatur mal-imsemmija martu għaliex ġie miktub lilhom billi kienu jżommu f'darhom lill-imsemija Giuseppa Teuma u kienu jipprestawlha servizzi . Il-bini kien waqa' bil-gwerra u reġa' ittella' matul iż-żwieġ tat-testatur u l-imsemmija Giuseppa nee' Spiteri*."

Dan ifisser allura li t-testatur kellu nofs indiviż minn dan il-fond, u jiġi li lill-atturi ħallielhom kwart indiviż minnu kull waħda . Sabiex tkun tista' ssir l-immissjoni fil-pussess ta' dawn il-legati lill-atturi, il-perit tekniku qasam il-fond in kwistjoni f'żewġ porzjonijiet, u ċioe' :

(i) porzjon numru wieħed konsistenti fid-dar numri 23/24 Triq Dun Xand Aquilina, Sannat u biċċa bitħa magħha fuq wara, li l-art kollha inkluż l-art ta' taħt il-bini eżistenti fiha kejl ta' ċirka 297.4 metri kwadri . Dan il-porzjon huwa ndikat bl-ittri A, B, I, E, H, G fuq il-pjanta annessa mar-relazzjoni tiegħu : [4]

(ii) porzjoni numru tnejn : biċċa art fabrikabbli tal-kejl ta' ċirka 320.8 metri kwadri li għandha

---

[2] Dok. B a fol. 9 – 10 .
[3] ara testmenti relattivi .
[4] ara rapport peritali a fol 25 u pjanta a fol. 26 .

faċċata fuq Triq Santa Marija, Sannat . Din il-biċċa art hija ndikata bl-ittri B, C, D, I fuq l-istess pjanta[5] .

Wara li dan il-fond ġie hekk diviż f'żewġ porzjonijiet, l-immissjoni għandha ssir billi tittella' x-xorti u l-atturi jieħdu bejniethom dak il-porzjon li jkun ġie imisshom . Il-porzjon l-ieħor naturalment jibqa' a benefiċċju tal-werrieta tal-mejta mart l-imsemmi Francesco Vella, li lilha kien jappartjeni n-nofs invidiż minn dan il-fond, bħala komparteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejniethom .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u

1. tordna d-diviżjoni u s-segregazzjoni tal-legati mħollija minn Francesco Vella favur l-atturi permezz taż-żewġ testmenti tiegħu ndikati fiċ-ċitazzjoni, u dana kif propost mill-A.I.C. Joseph Mizzi u mfisser f'din is-sentenza ;

2. wara li jkun ġie magħżul il-porzjon imħolli lill-atturi billi tittella' x-xorti kif spjegat, tordna l-immissjoni fil-pussess ta' l-istess atturi tal-imsemmija legati, u għal dan il-fini tinnomina lin-Nutar Dottor Paul Pisani sabiex jirċievi l-att opportun nhar is-Sibt 17 ta' Novembru 2007 fl-uffiċċju tiegħu fil-ħdax ta' filghodu (11.00 a.m.), u lill-konvenut nomine Dr. Chris Said bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-konvenut nomine .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] ibid.